ôs hu żjieda barranija li tâti lill-kelma sura griega, bħalma *Gaul* ħadet iż-żjieda ta' *us* biex issir latina: *Gaulus*. U hekk minn dawn l-ismijiet kollha ma jibqgħux ħlief *Gaud* u *Gaul*.

U dawn it-tnejn jiġu minn xulxin, jew mhumiex ħlief isem wieħed b'żewġ għamliet? Ix-xebh tagħhom jurina li huma kelma waħda, iżda kif tista' l-ittra *dentali d* tinbidel ma' l-ittra *liquida l*? Il-bidla qajla ssir, imma madankollu ssir u għandna eżempji li juruna bid-deher dil-bidla. Hekk il-verb latin *olere* jatina n-nom *odor*; *hedera* issir *ellera*, il-kelma latina *cadmia* ssir fil-latin mwaħħar *calamina*, fl-ingliż *calamine*, fit-tedesk *galmei*; il-kelma griega *daer* tidħol fil-latin u ssir *levir*, *dakruon* issir *lacryma*; *Odisseus* issir *Ulysses*. Nistgħu nżidu l-kelma għarbija *almâs* li saret fil-latin *adamas, diamant* (1). Jekk inħarsu lejn dawn l-eżempji, u lejn oħrajn li nistgħu nġibu, u lejn ix-xebh bejn *Gawd* u *Gawl*, xi jżommna li ma ngħidux li dawk l-ismijiet huma isem wieħed b'*d* imbiddla f'*l*?

Jista' wieħed jistaqsi: liema hu l-isem ewlieni li nissel 'il sieħbu? P. Schröder (2) jaħseb li *Gawd* jew *Gawdos* hu eqdem. Jien naħseb il-maqlub. L-isem Għarbi ta' *Gawdax* jurina li żmien il-ħakma tal-Għarab il-ġżira kienet tissejjaħ *Gaudos* mhux *Gaulos*. L-isem *Gaulos* naħseb li kien ilu li miet u ntesa.

**Sajdun.**

(1) Ara wkoll il-kelmiet sqallin: *Codduvirdi*, *Gaddazzu*, *Muddisa*, *Suppidizza* li fil-malti bħal fit-taljan jidhru b'*l* flok id-*d* – *Culuvert*, *Gallozz*, *Melliesi* (minn *molle* f'*lewż melliesi*) *Spillizza* (mil-Latin *super pelicium*)—[Nota tad-Direz: tal-"Malti"]

(2) P. SCHRÖDER. *Die phönizische Sprache; Halle*, 1869, faċċ. 105.

XERRDU
"IL-MALTI"
JEKK THOBBU T-TAGĦLIM TA' LSIENKOM

# IL-ĦAĠRA TA' MAJMUNA

Tinsab il-Mużew tal-Belt irħama li fuqha nkitbet fl-1173, tifkira tal-mewt ta' Majmuna, mara Għarbija, li mietet u ndifnet ix-Xewkija ta' Għawdex fil-ħâra li sal-lum għadhom igħidulha "ta' Majmuna." Il-baruni De Piru, fl-1845, bagħat din ir-rħama il-Bibljoteka u minn hemm ġiet il-Mużew.

Il-kitba ta' dil-ħaġra hija minn l-isbaħ, minquxa b'reqqa kbira; l-ilsien huwa għarbi u l-ittri huma ta' għamla qadima li tissejjaħ *kúfika*, għax kienet tinkiteb fil-belt ta' Kufa.

Dil-kitba tgħarrafna li xi Għarab, jew Saraċini, baqgħu Malta mal-100 sena wara li l-Konti Ruġġieru keċċa lill-kotra tal-Misilmin, għax ġiet miktuba fl-1173, mita nafu li l-Konti ġie hawn fis-sena 1090. Il-kitba għandha tliet taqsimiet; fil-bidu hemm bħal talba u tifħir 'l-Alla, nbagħad tiġi t-tifkira tal-mewt ta' Majmuna u fl-aħħar hemm biċċa poëżija, bil-versi mqabblin, xi għanja li kienet taf in-nies dak iż-żmien. Il-għarbi qadim ta' dil-kitba hu sabiħ u safi u jixbah wisq il-malti; il-kliem ħelu u jmiss il-qalb.

Ftit snin ilu, il-kitba fissirha b'reqqa kbira il-patri kabuċċin Gabriel d'Aleppo; kitibha lid-direttur tal-Mużew bil-għarbi u qalibha kelma b'kelma bit-taljan.

Hawn se' natu l-kitba kif tinqara bil-għarbi u wara t-tifsir tagħha bil-malti.

Il-kitba bil-għarbi tinqara hekk:

B'ism illah ir-raħman ir-raħim. Wa salla lahu għala n-nabi Muħammad wa għala alihi wa sallam taslima—Li allah għiżża wa el-baqan, wa għala ħalqihi katab el-fana. Wa lakom fi rasul allah wasijjat ħasanat.

Heda qabar Majmuna bint Ħassan bin Għali-el-Ħadli min Qabes Is-Susi. Tuffijat, raħmat allah għalajha, jawm el-Ħamis atisgħa għaxira min xahr Xahban el-Kabir min sanat tisgħa

Mmsa roijat. Wa hija taxhad ama U I1Uh
settt" " arjk lahu.
rabdu la x , u , • nafsik hal fil-ard nun baqi.
|, Onror ' { aw 1(1 inawt min
A" S aħraġani qasra faja asafi
2- E m,, (anġini minhu athwabi wa agħlaqi.

V Vii, M

4?

S;

I. Wa sirt maħna bi ma qaddamt min ghamal
Moħsan għalaja wa ma ħallaftuhu baqi.
4- Ja min ra el-qabr anni qad banit bihi
Wat-turb għabbar aġfani wa amaqi.
W " adġ, ia Wa raatjami fil bala ghajbar
Wa 11 noxuri iża ma ġa Hallaqi.



gil-malti tfisser hekk :

B'isem AUa 1-hanin, u sella għalih in-nibi (profetaj M
IV u għal mesu u sellem għahhom tislima Lil Alll n- ^U"
»•«2 em i?da 1-holqien tiegħu ried li jintemmi. 1 ^ "J * *
U de § A\ \a għandkom xhieda sewwa. m ta dan
f ^ Dan hu 1-qabar ta' Majmuna bint Ħasan, bin Ali IIh*AV*
inn Gabes ta' Susa. Mietet, il-ħniena t'Alla għaliha * ?
Tfis-sittax ta-afi t-fafi ban il-kbir, fis•se a t

1. Saqsi lilek in-nifsek, jekk hemmx fl-art min jibqa'
Jew jitfa' 1-ura 1-mewt, jew jirqi (ifejjaq) il-mewt
2. Il-mewt ħarġitni, jaħasra, minn ħajti 1-qasira
u ma ħelsunix minnha t-tjieba u 1-ġabra tiegħi.
3. Kont bieżla f għamili u kull ma għamilt
mgħadud u jibqa'.
Ja min jara 1-qabar li ġewwa fih jiena mibnija,
it-trab għabbar ix-xfar u t-truf ta' għajnejja.
5. F'maqagħdi u fdari xejn ħlief biki u (xijkun) fil-
qawmien tiegħi mita jiġi min ħalaqni ?

Il-kitba tgħid fis-sena 569. Il-Għarab jibdew igħoddu mill-20 ta' Ġunju 622—il-jum li fihMuħammed ħarab mill-Mekka. Dan 'l-jum jissemma' "il-Meġira."jew piiġra".

Is-sena tal-Misilmin fiha 354 jum.

Għalhekk biex issib is-sena tagħna għandek tagħmel hekk:

H,jewis-sena tal-Hiġra—~ r 621 = A. D., is-sena tagħna

Mela sa I-1173 kien għad hawn il-Misilm.n u 1-Maltin kienu jħalluhom jiktbu bil-għarbi tuqqabarhom. *Xahban-il-Kbir,* huwa wieħed mix-xhur Misilmin.

T. I